*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,890, 12 ta' Lulju, 2022*

*Taqsima B*

**A.L. 201 tal-2022**

## ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

## Regolamenti tal-2022 dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja privata għall-Ġenituri u għall-Persuni li jindukraw

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 48 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għall-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2022 dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja privata għall-Ġenituri u għall-Persuni li jindukraw. *Titolu u dħul fis-seħħ.*

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fit-2 ta' Awwissu 2022.

**2.** (1) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li jittrasponu d-Direttiva (EU) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE. *Skop u applikabilità.*

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu rekwiżiti minimi maħsuba sabiex tinkiseb l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fir-rigward tal-opportunitajiet fis-suq tax-xogħol u t-trattament fuq il-post tax-xogħol, bil-faċilitazzjoni tar-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja privata għall-ħaddiema li huma ġenituri, jew persuni li jindukraw. Għal dak il-għan, dawn ir-regolamenti jistipulaw drittijiet individwali relatati mas-segwenti:

(a) leave tal-paternità, leave tal-ġenituri u leave tal-persuni li jindukraw;

(b) arranġamenti tax-xogħol flessibbli għall-ħaddiema li huma ġenituri, jew persuni li jindukraw.

(3) Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-ħaddiema kollha rġiel u nisa, li għandhom kuntratt tal-impjieg jew relazzjoni tal-impjieg kif definit mil-liġi, fi ftehim kollettivi jew skont il-prassi fis-seħħ, b'qies għall-ġurisprudenza tal-qrati tal-ġustizzja rilevanti ta' Malta kif ukoll tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Tifsir. 3. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

Kap 452. "l-Att" tfisser l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;

"arranġamenti tax-xogħol flessibbli" tfisser il-possibbiltà għall-ħaddiema li jagħżlu l-iskedi tax-xogħol tagħhom, inkluż bl-użu ta' arranġamenti ta' xogħol minn distanza, ta' skedi tax-xogħol flessibbli, jew ta' sigħat tax-xogħol imnaqqsa;

Kap. 602. "foster carer" tfisser persuna waħda jew aktar approvata mill-Bord għall-Fostering, kif stabbilit bl-artikolu 38 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), sabiex tifel jew tifla jitqiegħdu taħt foster care;

Kap. 452. "ħaddiem" għandu jkollha istess tifsira mogħtija lilha fl-Att;

"leave għal foster carer" tfisser leave illi jingħata lill-ħaddiema sabiex jipprovdu indukrar jew appoġġ lil tifel jew tifla taħt foster care;

"leave tal-ġenituri" tfisser leave mix-xogħol għall-ġenituri minħabba t-twelid jew l-addozzjoni ta' wild, għall-indukrar ta' dak il-wild;

"leave tal-persuni li jindukraw" tfisser leave mix-xogħol għall-ħaddiema sabiex jipprovdu indukrar jew appoġġ personali lil qarib jew persuna li tgħix fl-istess dar mal-ħaddiem, u li jeħtieġu indukrar jew appoġġ għal raġuni medika serja;

"leave tal-paternità" tfisser leave mix-xogħol għall-missirijiet jew sa fejn ikun rikonoxxut mil-liġi nazzjonali, għat-tieni ġenituri ekwivalenti, fl-okkażjoni tat-twelid ta' wild, jew adozzjoni ta' wild għall-finijiet ta' indukrar;

"persuna li tindokra" tfisser ħaddiem li jipprovdi indukrar jew appoġġ lil qarib, jew lil persuna li tgħix fl-istess dar mal-ħaddiem, u li jeħtieġu indukrar jew appoġġ sinifikanti għal raġuni medika serja;

Kap 452. "*pro rata*" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att:

Iżda:

(a) meta l-impjegat ikollu impjieg part-time bi skeda ta' ħinijiet varjabbli, in-numru ta' sigħat ta' xogħol f'ġimgħa għandu jkun in-numru medju ta' sigħat ta' xogħol fil-ġimgħa mifruxin fuq perjodi suċċessivi ta' tlettax (13)-il ġimgħa li jibdew fl-ewwel ta' Jannar ta' kull sena kalendarja; u

(b) meta l-impjegat ma jkunx ilu f'impjieg part-time għal perjodu ta' tlettax (13)-il ġimgħa, in-numru medju ta' sigħat ta' xogħol fil-ġimgħa għandu jiġi kkalkulat fuq in-numru ta' ġimgħat li matulhom ikun ħadem;

"qarib", tfisser iben, bint, omm, missier, konjuġi jew, sieħeb jew sieħba fi sħubija ċivili, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (3) tar-regolament 4 tar-Regolament dwar *Leave* Urġenti tal-Familja. S.L. 452.88.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonjiet tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol, kull referenza għall-granet ta' xogħol f'dawn ir-regolamenti għandha tinftiehem bħala referenza għal skeda ta' xogħol full-time. S.L. 452.87.

Leave tal-paternità.

4. (1) Il-missierijiet jew, it-tieni ġenituri ekwivalenti, għandhom id-dritt għal-leave tal-paternità ta' għaxart ijiem (10) tax-xogħol, mingħajr ebda telf ta' pagi, li għandhom jittieħdu fl-okkażjoni tat-twelid, jew addozzjoni tal-wild, immedjatament wara it-twelid, jew l-addozzjoni tal-wild.

(2) Id-dritt tal-leave tal-paternità ma għandux ikun soġġett għall-kwalifika ta' perjodu ta' xogħol jew għall-kwalifika ta' tul ta' żmien fis-servizz.

(3) Id-dritt tal-leave tal-paternità għandu jingħata irrispettivament mill-istat ċivili jew l-istat tal-familja tal-ħaddiem.

Leave tal-ġenituri.

5. (1) Kull ħaddiem għandu dritt individwali għal-leave tal-ġenituri, għal kull wild, sew jekk ikun impjegat full-time, jew part-time u sew jekk ikun impjegat b'kuntratt indefinit jew għandu kuntratt għal żmien fiss:

Iżda f'kull każ, il-ħaddiem irid ikun ilu jaħdem mal-istess prinċipal għal perjodu kontinwu ta' mill-anqas tnax (12)-il xahar:

Iżda wkoll għall-finijiet tal-kalkolu tal-perjodu ta' kwalifika ta' tnax (12)-il xahar f'każ ta' impjegati li għandhom kuntratt għal żmien fiss:

(a) meta jkun hemm kuntratti suċċessivi għal żmien fiss mal-istess prinċipal, it-total ta' dawn il-kuntratti għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, u

(b) meta jkun hemm kuntratt għal żmien fiss li jiġi mġedded fi żmien perjodu ta' sitt (6) xhur mit-tmiem tiegħu, dak il-perjodu bejn iż-żewġ kuntratti għandu wkoll jittieħed inkunsiderazzjoni:

Iżda wkoll kemm-il darba l-prinċipal u l-impjegat ma jiftehmux mod ieħor, il-prinċipal ma għandux, matul il-perjodu tal-leave tal-ġenituri, ikollu d-dritt jissospendi l-leave tal-ġenituri u jitlob lill-impjegat jidħol lura għax-xogħol qabel id-data miftehma għad-dħul lura tiegħu fuq dmirijietu, u l-impjegat ma għandu jkollu ebda dritt jidħol lura għax-xogħol qabel id-data miftehma għad-dħul lura tiegħu fuq dmirijietu.

(2) Il-perjodi minimi ta' intitolament imsemmija fis-subregolament preċedenti għandhom ikunu applikabbli sakemm ma jkunx ġie stabbilit perjodu iqsar ta' intitolament fil-kuntratt ta' servizz tal-impjegat jew fi ftehim kollettiv applikabbli għall-impjegat.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' disposizzjonijiet aktar favorevoli f'xi ftehim kollettiv jew f'xi ftehim ieħor bejn il-prinċipal u l-impjegat.

(4) Il-ħaddiema għandhom id-dritt illi jitolbu li jieħdu l-leave tal-ġenituri b'modi flessibbli. Il-prinċipal għandu jikkunsidra u jwieġeb għal tali talbiet, b'qies għall-ħtiġijiet kemm tal-prinċipal kif ukoll tal-ħaddiem. Il-prinċipal għandu jagħti raġunijiet bil-miktub għal kwalunkwe ċaħda għal tali talba, f'perjodu ta' ġimagħtejn (2) minn meta tkun saret it-talba:

Iżda mingħajr ħsara għal kwalunkwe ftehim kollettiv applikabbli għall-ħaddiem, il-prinċipal flimkien mal-ħaddiem jista' jiddeċiedi jekk jagħtix il-leave tal-ġenituri fuq bażi full-time jew part-time, jew biċċa biċċa.

(5) Ħaddiem li japplika għal-leave tal-ġenituri mingħand il-prinċipal għandu jkun marbut jagħti mill-anqas avviż bil-miktub ta' ġimagħtejn (2), li fih jispeċifika l-bidu u t-tmiem tal-leave tal-ġenituri, qabel ma jieħu tali leave.

Kap. 452. (6) Mingħajr ħsara għall-provvedimenti tal-Att, il-Ministru jista' jagħmel regolamenti fejn jipprovdi għall-kundizzjonijiet ta' aċċess għal u arranġamenti dettaljati għal talba tal-leave tal-ġenituri, adattati għall-ħtiġijiet tal-ġenituri adottivi, tal-ġenituri b'diżabilità u tal-ġenituri ta' tfal b'diżabilità jew b'marda fit-tul:

Kap. 452. Iżda fil-każ ta' ġenituri b'diżabilità jew ġenituri bi tfal b'xi diżabilità, mingħajr ħsara għall-applikabilità tal-Att, kwalunkwe arranġament dwar leave għall-ġenituri illi jmur kontra l-provvedimenti

Kap. 413. tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità għandu jitqies null u bla effett.

(7) Meta jingħata il-leave tal-ġenituri, matul il-perjodu tal-

leave tal-ġenituri, l-impjegat ikollu d-dritt li japplika għal opportunitajiet ta' promozzjoni li jinqalgħu fuq il-post tax-xogħol, u sabiex jiġi ffaċilitat ir-ritorn lejn l-impjieg wara l-leave tal-ġenituri, kemm il-prinċipal kif ukoll l-impjegat ikkonċernat huma obbligati li jżommu kuntatt bejniethom matul il-perjodu tal-leave u jistgħu jagħmlu arranġamenti għal kwalunkwe miżuri ta' rijintegrazzjoni, li għandhom jiġu miftehma bejn il-partijiet innifishom

Leave tal-ġenituri bi ħlas għal raġunijiet ta' twelid, fostering, adozzjoni jew kustodja legali ta' tifel jew tifla.

6. (1) Għandu jkun id-dritt individwali ta' kull ġenitur li jingħata leave tal-ġenituri bi ħlas għal raġunijiet ta' twelid, adozzjoni, fostering jew kustodja legali ta' tifel jew ta' tifla sabiex ikun jista' jieħu ħsieb dak it-tifel jew tifla għall-perjodu ta' erba' (4) xhur sakemm it-tifel jew tifla jagħlqu t-tmien (8) snin:

Iżda l-leave tal-ġenituri għandu jitħallas għall-perjodu ta' xahrejn (2), bl-istess rata stabbilita għall-intitolament għall-benefiċċju tal-mard taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u l-leave tal-ġenituri għandu jitħallas kif ġej: Kap. 318.

(a) ħamsin fil-mija (50%) tal-intitolament jitħallas meta l-wild jew l-ulied illi għalih jew għalihom ingħata l-leave tal-ġenituri ma jkunx għadu jew għadhom, għalaq jew għalqu l-erba' (4) snin;

(b) ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-intitolament jitħallas meta wild jew ulied illi għalih jew għalihom ingħata l-leave tal-ġenituri jkun jew ikunu għalqu l-erba' snin (4) iżda, ma jkunx għadu għalaq jew għadhom għalqu l-età ta' sitt (6) snin;

(ċ) ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-intitolament jitħallas meta l-wild jew l-ulied illi għalih jew għalihom ingħata l-leave tal-ġenituri jkun jew ikunu għalqu s-sitt snin (6) iżda, ma jkunx għadu għalaq jew għadhom għalqu l-età ta' tmien (8) snin:

Iżda wkoll fil-każ ta' leave tal-ġenituri illi jingħata lil foster carers, ir-rata ta' pagament għandha tkun l-istess daqs dik stabbilita għall-ġenituri illi mhumiex foster carers kif stipulat fl-ewwel *proviso*, sakemm il-pagament tal-allowance jingħata għal kull ġenitur illi japplika għal-leave tal-ġenituri u mhux għal kull wild taħt fostering:

Iżda wkoll xahrejn (2) mil-leave tal-ġenituri ma jistgħux jiġu trasferiti:

Iżda wkoll il-leave tal-ġenituri jista' jittieħed f'perjodi stabbiliti mill-inqas ta' ġimagħtejn (2) kull wieħed, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe ftehim li jkun sar bejn il-prinċipal u l-ħaddiem jew ftehim kollettiv.

(2) Fil-każ li l-leave tal-ġenituri ma jkunx ittieħed jew ikun għad baqa' bilanċ ta' leave tal-ġenituri, l-impjegat għandu jibqa' intitolat għal dak il-leave anke jekk jinbidel il-prinċipal jew l-impjieg tal-impjegat, dment li l-impjegat jikkwalifika għalih skont is-subregolament (1).

(3) Kull prinċipal għandu jkun obbligat iżomm rekord tal-leave tal-ġenituri mogħti lil kull ħaddiem u għandu fuq talba tal-ħaddiem li tista' ssir ukoll wara t-terminazzjoni tal-impjieg, jgħaddi lill-ħaddiem dikjarazzjoni bil-miktub tal-leave, fi żmien ġimagħatejn (2) mit-talba li għandha ssir bil-miktub.

Avviż u rikjesta.

7. (1) Ħaddiem li japplika lill-prinċipal għal-leave tal-ġenituri għandu jagħti avviż bil-miktub ta' ġimagħtejn (2), fejn jispeċifika l-bidu u t-tmiem tal-leave tal-ġenituri, qabel ma jieħu tali leave.

(2) Il-leave tal-paternità jew tal-ġenituri, kif irregolati mir-regolamenti 4(1) u 5(1), għandu jibda għaddej mid-data meta l-ħaddiem jagħti lil prinċipal:

(a) fil-każ ta' foster carers, prova tat-tqegħid tat-tifel jew tifla taħt il-ħarsien tal-impjegat;

(b) fil-każ ta' ġenituri adottivi:

(i) prova li jkunu nbdew il-proċeduri legali meħtieġa biex l-adozzjoni issir skont il-liġi; u

(ii) ċertifikat bil-miktub mill-awtorità kompetenti indikata għal dan l-iskop mill-Ministeru responsabbli mill-politika soċjali, li jkun jiċċertifika li tlesta *home study report* b'eżitu pożittiv; jew

(iii) prova bil-miktub li l-koppja għandha kustodja legali tat-tifel jew tifla.

(ċ) Fil-każ ta' ġenituri li jieħdu l-leave minħabba il-kustodja legali ta' wild, il-leave tal-ġenituri għandu jibda għaddej mid-data meta l-ħaddiem jagħti prova bil-miktub li l-koppja għandha kustodja legali tat-tifel jew tifla.

(d) F'każijiet għajr dawk imsemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), il-leave tal-ġenituri għandu jibda għaddej mid-data meta l-ħaddiem jippreżenta ċ-ċertifikat tat-twelid lill-prinċipal.

Posponiment.

8. (1) Prinċipal li jirċievi avviż għal-leave tal-ġenituri kif stipulat fir-regolament 7(1), jista' jipposponi temporanjament l-għoti

tal-leave għal raġunijiet ġustifikabbli relatati mal-operat tal-post tax-xogħol.

(2) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, il-frażi "raġunijiet ġustifikabbli" tinkludi:

(a) meta x-xogħol li jsir fil-post tan-negozju jkun ta' xorta staġġjonali;

(b) meta ma jkunx jista' jinstab sostitut fil-perjodu ta' avviż mogħti mill-impjegat;

(ċ) meta l-impjieg speċifiku tal-impjegat li jitlob leave tal-ġenituri jkun ta' importanza strateġika għall-aġenda jew post tan-negozju;

(d) meta l-post tan-negozju jkun intrapriża żgħira li tħaddem mhux iżjed minn għaxra (10) min-nies, dment li l-prinċipal jikkonsulta mal-ħaddiem biex jiġu stabbiliti dati alternattivi meta dak il-leave jista' jittieħed, b'mod li jiġi evitat il-postponiment indefinit tal-leave tal-ġenituri li jkun ġie mitlub;

(e) meta proporzjon sinifikanti tal-forza tax-xogħol tapplika għal-leave tal-ġenituri fl-istess żmien:

Iżda prinċipal li jiddeċiedi li jipposponi l-għoti tal-leave tal-ġenituri għandu jgħarraf lill-impjegat bil-miktub bir-raġunijiet għal dak il-posponiment fi żmien ġimagħtejn (2) minn meta jirċievi l-avviż tal-ħaddiem, f'każijiet li jaqgħu taħt dan is-subregolament:

Iżda wkoll il-posponiment mill-prinċipal tat-teħid tal-leave tal-ġenituri għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-impjegat li jieħu l-leave tal-ġenituri intitolat għalih sa mhux aktar tard minn meta t-tifel jew tifla jagħlqu t-tmien (8) snin u jekk tali posponiment jista' jirriżulta fit-telf tal-intitolament għal-leave tal-ġenituri jew ta' xi parti minnu, għandu jkun id-dmir tal-prinċipal li minnufih jagħti l-leave tal-ġenituri għal perjodu li jkun ekwivalenti għal-leave li ma jkunx għadu ttieħed, jew għal perjodu inqas kif jista' jiġi mitlub mill-ħaddiem:

Iżda wkoll meta jiġu kkunsidrati talbiet għal-leave tal-ġenituri, il-prinċipali għandhom, qabel kwalunkwe posponiment, joffru, sakemm huwa possibbli, modi flessibbli kif jittieħed il-leave tal-ġenituri.

**9.** Kull ħaddiem għandu d-dritt għal-leave tal-persuni li jindukraw ta' ħamest ijiem (5) tax-xogħol fis-sena, mingħajr ħlas: Leave tal-persuni li jindukraw.

Iżda l-ħaddiem għandu jippreżenta prova medika illi l-qarib jew persuna illi tgħix fl-istess dar mal-ħaddiem, illi minħabba fih jew fiha intalab leave tal-persuni li jindukraw, qiegħed jew qiegħda tbati minn marda u teħtieġ kura u appoġġ.

Arranġamenti tax-xogħol flessibbli.

**10.** (1) Ħaddiema bi tfal sal-età ta' tmien (8) snin, u li jindukraw, għandhom id-dritt illi jitolbu arranġamenti tax-xogħol flessibbli għal finijiet ta' indukrar.

Iżda l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli jistgħu jkunu limitati fit-tul tagħhom:

Iżda wkoll meta l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli jkunu limitati fit-tul tagħhom, il-ħaddiem għandu jkollu wkoll id-dritt li jitlob li jirritorna għall-iskeda tax-xogħol oriġinali qabel tmiem il-perjodu miftiehem, meta dan ikun iġġustifikat abbażi ta' bidla fiċ-ċirkustanzi. Il-prinċipal għandu jikkunsidra u jwieġeb għat-talba għal ritorn bikri għall-iskeda tax-xogħol oriġinali, b'kunsiderazzjoni għall-bżonnijiet kemm tal-prinċipal kif ukoll tal-ħaddiem.

(2) F'dawn ir-regolamenti arranġamenti tax-xogħol flessibbli jistgħu jinkludu iżda mhumiex limitati għal xogħol minn distanza, sigħat tax-xogħol imnaqqsa u skedi tax-xogħol flessibbli.

(3) Il-prinċipal għandu jikkunsidra u jwieġeb għat-talba għal arranġament tax-xogħol flessibbli, fi żmien ġimagħtejn (2), u għandu jagħti raġunijiet għal kwalunkwe rifjut ta' tali talba jew għal kwalunkwe posponiment ta' tali arranġamenti.

Drittijiet tax-xogħol.

**11.** (1) Id-drittijiet li jkunu nkisbu jew li jkunu fil-proċess li jinkisbu mill-ħaddiema fid-data li fiha jibda l-leave mogħti taħt dawn ir-regolamenti għandhom jinżammu sakemm jintemm tali leave jew il-ħin liberu mix-xogħol. Fi tmiem tali leave jew ħin liberu mix-xogħol, dawk id-drittijiet, inkluż kwalunkwe tibdil li jirriżulta mil-liġi, minn kwalunkwe ftehim kollettiv jew prassi, għandhom japplikaw.

(2) Fi tmiem il-leave tal-paternità, tal-ġenituri, jew persuni li jindukraw, il-ħaddiema jkunu intitolati jirritornaw għall-karigi tagħhom jew għal karigi ekwivalenti b'termini u b'kundizzjonijiet li ma jkunux inqas favorevoli għalihom, u li jibbenefikaw minn kwalunkwe titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku ma ħadux il-leave.

Diskriminazzjoni.

**12.** Kwalunkwe diskriminazzjoni kontra ħaddiem minħabba illi jkun eżerċita d-dritt għal-leave tal-paternità, leave tal-ġenituri, leave tal-persun li jindukraw, leave mix-xogħol għal raġunijiet ta' forza maġġuri jew minħabba kwalunkwe arranġament tax-xogħol flessibbli, hija pprojbita.

**13.** Mingħajr ħsara għall-Artikolu 28 tal-Att, l-ebda ħaddiem, jew ħaddiem illi huwa rappreżentant tal-impjegati, li jippreżenta ilment lill-prinċipal jew jibda kwalunkwe proċediment legali kontra l-prinċipal għall-finijiet tal-infurzar tal-konformità mar-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti, ma għandu jsofri minn trattament avvers jew konsegwenzi avversi.

Protezzjoni kontra trattament jew konsegwenzi avversi.
Kap. 452.

**14.** (1) Kwalunkwe tkeċċija jew, tħejjija għall-tkeċċija ta' ħaddiema, minħabba li applikaw għal, jew ħadu, leave tal-paternità, tal-ġenituri, tal-persuni li jindukraw, jew ħin liberu mix-xogħol minħabba forza maġġuri, jew minħabba li eżerċitaw id-dritt li jitolbu arranġamenti tax-xogħol flessibbli, huma pprojbiti:

Protezzjoni kontra tkeċċija u l-oneru ta' prova.

Iżda f'każ ta' leave tal-paternità, jista' jingħata avviż tat-terminazzjoni tal-impjieg, kif provdut fl-Att, tul il-perjodu tal-leave tal-ġenituri:

Kap. 452.

Iżda wkoll l-għoti ta' avviż ta' terminazzjoni jew mill-prinċipal jew mill-impjegat tul il-leave tal-ġenituri, għandu jwassal għas-sospensjoni awtomatika tal-leave tal-ġenituri mid-data tal-għoti ta' dak l-avviż.

(2) Il-ħaddiema li jikkunsidraw li tkeċċew minħabba li applikaw għal, jew ħadu il-leave previst fis-subregolament (1), jew għaliex eżerċitaw id-dritt li jitolbu arranġamenti tax-xogħol flessibbli, jistgħu jitolbu lill-prinċipal jipprovdi raġunijiet sostanzjati kif xieraq għat-tkeċċija tagħhom. Dawn ir-raġunijiet għandhom jingħataw mill-prinċipal bil-miktub, fi żmien ħmistax (15)-il jum minn meta dawn jiġu mitluba.

(3) Meta ħaddiem jistabbilixxi, quddiem awtorità kompetenti, fatti li minnhom jista' jiġi preżunt li tkeċċa minħabba li applika għal, jew ħa l-leave previst fis-subregolament (1), jew għaliex talab, jew ibbenefika minn arranġament tax-xogħol flessibbli, għandha tkun ir-responsabbiltà tal-prinċipal li jipprova li t-tkeċċija kienet saret minħabba raġunijiet oħra.

**15.** Jekk tinqala' tilwima bejn prinċipal u impjegat dwar id-drittijiet li jaqgħu taħt dawn ir-regolamenti jew kwalunkwe kwistjoni oħra relatata, allura jew il-prinċipal jew l-impjegat jistgħu jirreferu l-kwistjoni lid-Direttur Ġenerali tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali li għandu jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet.

Tilwim.

Tħassir u riżerva. S.L. 452.78.

**16.** (1) Ir-Regolamenti dwar Dritt ta' *Leave* tal-Ġenituri huma b'dawn imħassra.

(2) Ir-revoka tar-regolamenti msemmija fis-subregolament (1) għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-validità ta' kull ħaġa li saret jew naqset milli ssir taħt l-imsemmija regolamenti.

Kap. 452.

(3) Dawn ir-regolamenti jieħdu post dispożizzjonijiet rilevanti inqas favorevoli fi kwalunkwe regolamenti, ordnijiet jew leġiżlazzjoni sussidjarja oħra magħmula taħt, jew miżmuma fis-seħħ taħt l-Att u f'każ ta' inkonsistenza bejn tali leġiżlazzjoni u dawn ir-regolamenti, għandhom jipprevalu dawn tal-aħħar.

Reati.

**17.** Kull min jikser jew jonqos milli jikkonforma ruħu mad-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe minn dawn ir-regolamenti, għandu jkun ħati ta' reat kontra l-Att u għandu jekk jinstab ħati, jeħel multa ta' mhux aktar minn elfejn euro (€2000).